DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1066

tat-2 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/183/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/800/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-22 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/183/PESK.

(2) Entità waħda u sitt persuni għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/183/PESK.

(3) L-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/183/PESK għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/183/PESK huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN

[1] ĠU L 111, 23.4.2013, p. 52.

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2013/183/PESK:

II. *Persuni u entitajiet li jipprovdu servizzi finanzjarji li jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tar-RDPK relatati man-nuklear, relatati mal-missili ballistiċi jew relatati ma' armi oħra tal-qerda massiva.*

A. **Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
4.	KIM Il-Su	Rahlstedter Straße 83 a, 22149 Hamburg. Data tat-twelid: 2.9.1965 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH dežinjata mill-UE, li jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha
5.	KANG Song-Nam	Rahlstedter Straße 83 a, 22149 Hamburg. Data tat-twelid: 5.7.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK.	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH dežinjata mill-UE, li jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha
6.	CHOE Chun-Sik	Rahlstedter Straße 83 a, 22149 Hamburg. Data tat-twelid: 23.12.1963 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK. Nru tal-Passaport 745132109 validu sa 12.2.2020	Rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH dežinjata mill-UE, li jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha
7.	SIN Kyu-Nam	Data tat-twelid: 12.9.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK. Nru tal-Passaport PO472132950	Kap tad-dipartiment tal-kwartieri ġenerali ta' KNIC fi Pyongyang u eks rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH Hamburg. Jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha
8.	PAK Chun-San	Data tat-twelid: 18.12.1953 Post tat-twelid: Phyongan, RDPK. Nru tal-Passaport PS472220097	Kap tad-dipartiment tal-kwartieri ġenerali ta' KNIC fi Pyongyang u eks rappreżentant plenipotenzjarju awtorizzat ta' KNIC GmbH Hamburg. Jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha
9.	SO Tong Myong	Data tat-twelid: 10.9.1956	Direttur Maniġerjali ta' KNIC GmbH Hamburg, li jaġixxi f'isem KNIC jew taħt id-direzzjoni tagħha

B. **Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
5.	Korea National Insurance Company (KNIC) GmbH. (magħrufa wkoll bħala Korea Foreign Insurance Company)	Rahlstedter Straße 83 a, 22149 Hamburg	KNIC GmbH, bħala sussidjarja kkontrollata mill-kwartieri ġenerali ta' KNIC fi Pyongyang (Indirizz: Haebangsan-dong, Central District, Pyongyang, RDPK), li hi entità tal-gvern, qed tiġġenera dħul sostanzjali f'munita barranija li jintuża biex jiġi appoġġat ir-reġim fil-Korea ta' Fuq. Dawk ir-riżorsi jistgħu jikkontribwixxu għal programmi tar-RDPK relatati man-nuklear, relatati mal-missili ballistiċi jew relatati ma' armi oħra tal-qerda massiva. Barra minn hekk, il-kwartieri ġenerali ta' KNIC fi Pyongyang huma konnessiss mal-Uffiċċju 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hu entità dežinjata.